# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli :

(a) "nhar 24.03.2014 ghal habta ta 02:00hrs gewwa Triq Bormla, Paola, bil-lejl, ksirt il-mistrieh tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor u dan bi ksur ta Art 338(m) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) Kif ukoll fl-istess cirkostanzi hebbejt ghal persuna ta' Josephine Hurst u ikkawzajt offiza ta natura hafifa hekk kif giet iccertifikata mit-Tabib Anthony Mifsud Reg 1732 tac-Centru tas-Sahha ta Rahal Gdid u dan bi ksur tal-Art 221(1) tal-Kap 9.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi din il-Qorti ma għandhiex għad-disposizzjoni tagħha provi legalment ammissibbli u suffiċjenti sabiex tkun tista' tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***